# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 18**

**Rikors numru 1208/07 AE**

**Konkors tal-kredituri ta' Christopher Gauci**

**v.**

**X**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn proceduri ta' konkors ta' kredituri tad-debitur Christopher Gauci fuq ammont ta' €309,806.66 depozitati taht l-Awtorita` tal-Qorti minn Mark u Annabelle ahwa Gauci permezz tac-cedola ta' depozitu bin-numru: 503/2007 li gietipprezentata wara l-atti tas-subbasta bin-numru: 78/2006 fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. v. Christopher Gauci**.

2. **Il-persuni li kkonkorrew huma:-**

- **Pieta Marina Limited (C28863)** surrogata fid-drittijiet ta' HSBC Bank Malta p.l.c permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Ian Castaldi Paris ta' nhar is-26 ta' Novembru, 2007;

- **Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud)**, permezz ta' rikors prezentat fl-1 ta' April 2008 (fol. 35);

- **Direttur Generali (Taxxa)**, b'rikors prezentat fit-12 ta' Settembru 2008;

- **Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili** permezz ta' nota prezentata fil-25 ta' Settembru 2008;

3. **B'sentenza** tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili moghtija fil-21 ta' Ottubru 2013, il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tal-provi waslet ghall-konkluzzjoni li l-gradwazzjoni tal-kredituri kellha ssir kif gej, cioe`:

i. L-ewwel jithallas ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex ikopri l-ispejjez kollha li seta' ghamel fil-bejgh bl-irkant numru: 78/2006 u f'dan il-konkors;

ii. It-tieni jithallas id-Direttur Generali (Taxxa) ghall-bilanc kollu li jibqa'.

Spejjez tad-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) ghandu jaghmel tajjeb ghalihom hu. Il-kumplament tal-ispejjez huma a karigu ta' Pieta' Marina Limited.

4. L-ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet;

*"1. Il-qorti tibda biex tosserva li mill-kuntratt li sar fis-26 ta' No-vembru 2007 pubblikat min-nutar Dr Ian Castaldi Paris (fol. 54), jirrizulta li Pieta Marina Limited hallset lill-bank is-somma ta' €92,010.25. L-ufficjal tal-HSBC Bank Malta plc (Adrian Borg) kkonferma li l-bilanc li kien ghadu dovut lill-bank fiz-zmien li bdew dawn il-proceduri, ma thallasx kollu minn Pieta Marina Limited; "[…] kien hemm ammont iehor sostanzjali ta' Lm96,234 li konnha thallasna ghax kienet saret subbasta fuq ir-residenza ta' Wallace u Domenica Fino li huma garanti, kien hemm Flat 6 Freemont Court Ghar il-Lembi Street, Sliema li kien inbiegh b'subbasta ….." (fol. 133). F'komunikazzjoni nterna bejn ix-xhud u ufficjal iehor tal-bank, jinghad: "The amount of Lm96,234.10 were deposited in the loan account of 2000 Holdings Ltd on 22 JUN 2007 follow-ing the withdrawal of Lm125,000 from court following the deposit by Mr Austin Muscat Scerri re purchase of Flat no. 6, Freemont Court, Ghar il-Lembi Street, Sliema (property of Mr Wallace Fino) by sale of court auction no. 80/06" (Dok. HSBC2 prezentat nota mix-xhud waqt li kien qieghed jixhed). Ghaldaqstant, is-surroga setghet tapplika biss b'riferenza ghall-pagament li ghamlet Pieta Marina Limited, cjoe' €92,010.25. Ghaldaqstant, irrispettivament minn jekk din il-kumpannija ghandix jedd tippregradwa kredituri ohra, certament li m'ghandix jedd taghmel pretensjoni fuq l-ammont kollu li hu depozitat fil-qorti.*

*"2. Id-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud jippretendi li ghandu dritt li pregradwazzjoni "[….] stante illi hu munit minn privilegg specjali fuq il-proprjeta' ta' Christopher Gauci ai termini ta' l-artikolu 62 tal-Kap.*

*406 kif jintwera f'aktar dettall waqt it-trattazzjoni tal-kawza". L-Artikolu 62 tal-Kap. 406 jipprovdi:*

*"Il-Kummissarju ikollu privilegg specjali fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita' ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taht dan l-Att u t-taxxa msemmija ghandha tithallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor, hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009(a) jew (b) tal-Kodici Civili".*

*"Wara li b'decizjoni tat-12 ta' Lulju 2002 il-qorti ordnat ix-xoljiment ta' Price Club Operators Limited u hatret stralcarju, id-Dipartiment m'ghandux jedd jippretendi hlas minghand Christopher Gauci ghal xi ammonti li setghu gew dovuti wara l-imsemmija data. F'dak l-istadju Christopher Gauci ma kienx ghad baqghalu kontroll fuq Price Club Operators Limited, kontroll li ghadda f'idejn l-istralcarju. Ghalhekk ma baqax responsabbli ghal xi taxxa li tnisslet wara dakinhar. Fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2011 xehed Roberto Formosa, ufficjal tad-Dipartiment, li pprezenta rendikont ta' x'inhu dovut mill-kumpannija (Dok. RF2A). Ghal dak li jikkoncerna Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, id-Dipartiment qieghed jippretendi €145,134.57 ghall-perjodu minn Jannar 1999 sa Lulju 2002. Hemm ukoll penali (€2,795.25), imghax (€147,929.82), u rifuzjoni ta' kreditu li kien inghata lill-kumpannija u li d-Dipartiment qieghed isostni li ma kienx dovut (€141,937.57). B'kollox id-Dipartiment qieghed jippretendi s-somma ta' €434,532.55. Mill-provi rrizulta kif Price Club Operators Ltd ghamlet proceduri qud-diem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud wara stima fl-ammont ta' Lm121,358 (€282,688) ghat-taxxa ghall-perjodu l-1 ta' Awwissu 2000 sal-31 ta' Lulju 2001. B'decizjoni li nghatat fit-22 ta' Gunju 2004 l-appell gie michud. M'hemmx prova li sar xi appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Dan ifisser li b'dik id-decizjoni gie determinat darba ghal dejjem li ghall-isemmi per-jodu, il-kumpannija kienet debitrici tad-Dipartiment fis-somma ta' €282,688.*

*"Fil-fehma tal-Qorti l-pretenzjoni tad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq Valur Mizjud, li ghandu jippregradwa lill-kullhadd, hi bla bazi meta tqies li m'hemmx prova li s-somma oggett ta' dan il-process, hi provenjenti minn attivita' ekonomika ta' Christopher Gauci. Skond l-Artikolu 62 tal-Kap. 406, il-privilegg hu moghti "[….] fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita' ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna…." (enfazi tal-qorti). Ma saret l-ebda prova li l-fond li kien inbiegh kien jifforma "sehem mill-attivita' ekonomika" kif definit fl-Artikolu 5 tal-istess Att. Lanqas ma jirrizulta li Christopher Gauci kellu "attivita ekonomika". Anzi l-provi li tressqu huma fis-sens li l-penthouse li nbieghet bl-irkant li sar fid-29 ta' Novembru 2006 kienet ir-residenza personali tieghu9, u jidher li kien impjegat mal-istess kumpannija10. Ghalhekk id-Direttur General ma jidhirx li jgawdu l-privilegg li jippretendi li ghandu ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kap. 406.*

*"Punti ohra li saret riferenza ghalihom u l-qorti temmen li ghandu jsir accenn ghalihom hu li:-*

*"(a) Skond ir-rikors li pprezenta d-Direttur Generali fl-1 ta' April 2008 (fol. 35), jippretendi li l-kreditu li jghid li ghandu, jippregradwa lil HSBC Bank Malta plc "stante illi hu munit minn privilegg specjali fuq il-proprjeta' ta' Christopher Gauci ai termini ta' l-artikolu 62 tal-Kap. 406…." (fol. 35). Jirrizulta li fuq il-fond li nbiegh bl-irkant li sar fid-29 ta' Novembru 2006, ma giex registrat il-privilegg kontemplat fl-Artikolu 59(2) tal-Kap. 406. Sabiex jitgawda privilegg specjali fuq l-immobbli, tali registrazzjoni kellha ssir. L-Artikolu 2029 tal-Kodici Civili jipprovdi privileggi specjali fuq l-immobbli jibqghu bla effett jekk ma jigu registrati fir-Registru Pubbliku. Din il-qorti taqbel mat-tezi li d-dritt ta' preferenza li l-Artikolu 62 tal-Kap. 406 jaghti lid-Direttur Generali, hu minhabba l-privilegg specjali u mhux ghaliex dak il-provvediment jaghti fih innifsu preferenza ghall-hlas, a bazi tar-ragunijiet li ssemmew fid-decizjoni taghha tal-Konkors ta' kredituri numru 565/2010 ta' Crown Limited tas-26 ta' Settembru 2013. Madankollu ghadha wkoll tal-fehma li d-Direttur Generali xorta jgawdi privilegg specjali fuq ir-rikavat minn bejgh bl-irkant, ghalkemm ma jkunx gie registrat fir-Registru Pubbliku.*

*"(b) F'sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' April 2013 fil-kaz Victor Zammit vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud et (519/2005/1)11 gie osservat: "Stima tat-taxxa dovut mahruga mill-Kummissarju ma hijiex l-ahhar kelma, u l-ligi stess taghti jedd ta' appell minn dik l-istima quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, taht l-art. 43 tal-Kap. 406, u jedd iehor ta' appell fuq punt ta' ligi mid-decizjoni tal-bord quddi-em din il-qorti taht l-art. 47. Il-para 4(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 ighid illi appell quddiem il-bord isir 'fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika tal-avviz li kontrih isir l-appell waqt illi l-art. 47 tal-Kap. 406 irid illi appell mid-decizjoni tal-bord quddiem din il-qorti jsir "fi zmien tletin jum mid-data li fiha d-decizjoni appellata tigi no-tifikata" lill-persuna li trid tappella. Sakemm ma jkunx inqata' l-appell, jew sakemm ma jkunx ghadda z-zmien ghall-appell, kif sewwa jghid il-Kummissarju stess fil-para. 3 tat-twegiba tieghu, "il-Kummissarju kien fl-impossibilita' illi johrog demand notice".". Il-qorti kkonkludiet li gialadarba l-istima tat-taxxa kienet ghadha ma gietx notifikata lil Zammit, "[….] ma bediex ighaddi kontra l-attur iz-zmien ghall-appell u ghadu ma nghatax il-fakolta' li jikkon-testa l-istima". Wiehed jista' jesprimi rizervi ghall-fehma espressa f'din is-sentenza, gialadarba direttur tal-kumpannija hu b'ligi dikjarat responsabbli solidalment (Artikolu 66(5) tal-Kap. 402) ghad-dejn tal-persuna li ghandha thallas it-taxxa (f'dan il-kaz Price Club Operators Limited). Madankollu in vista ta' dak li nghad iktar qabel, din il-qorti ma tarax htiega li tesprimi ruhha.*

*"3. Id-Direttur Generali (Taxxi) qieghed jippretendi hlas minghand Christopher Gauci ta':-*

*"(a) Lm80,296 (€187,039) bhala taxxa - in kwantu ghal Lm20,625 ghas-sena 2000, Lm58,716 ghas-sena 2001 u Lm955 ghas-sena 2002.*

*"(b) Lm165,899 (€386,440) bhala tnaqqis li kellu jsir minn pagi u salarji ta' l-impjegati tal-kumpannija skond il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (bolla) – in kwantu ghal Lm40,000 ghas-sena 2000, Lm124,274 ghas-sena 2001 u Lm1625 ghas-sena 2002.*

*"Jirrizulta li fl-1 ta' Awwissu 2005 Christopher Gauci gie notifikat b'ittra ufficjali (fol. 62) fejn gie nterpellat ihallas dawn l-ammonti. Mal-att gudizzajru kien hemm anness avviz datat 7 ta' Lulju 2005 (fol. 62) li kien jaghti d-dettalji tal-hlas pretiz. M'hemmx provi li Christopher Gauci kkontesta l-hlas pretiz. Hu minnu li f'dak iz-zmien il-kumpannija kienet giet xolta, pero' l-hlas li jippretendi d-Direttur Generali (Taxxi) jirreferi ghall-perjodu meta Gauci kien ghadu direttur12. Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-kumpannija Pieta' Marine Limited li Gauci ma baqax direttur. Fil-fatt hu baqa' direttur pero' minhabba li l-kumpannija dahlet fi stralc, l-awtorita' tieghu fit-tmexxija tal-kumpannija sfumat fix-xejn.*

*"Kontribuzzjonijiet taht l-Ewwel Klassi (Kap. 318).*

*"L-Artikolu 116(3) tal-Kap. 318 jipprovdi:-*

> *"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, it-talba ghad-Direttur ghal xi ammont dovut bhala kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Klassi jew tat-Tieni Klassi taht dan l-Artikolu tikkostitwixxi talba privileggata, fil-kaz ta' kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Klassi, fl-istess grad bhall-pagi ta' mpjegati fuq l-attiv tal-principal u, fil-kaz ta' kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi, fuq l-assi tal-persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li tahdem ghaliha nnifisha koncernata u ghandha tithallas bi preferenza fuq it-talbiet l-ohra kollha (min-barra l-pagi) sew jekk privileggati jew ipotekarji" (enfazi tal-qorti).*

*"Id-Direttur Generali (Taxxi) invoka dan il-provvediment biex isostni li huwa ghandu jedd ghall-flus depozitati fil-qorti13. Il-qorti ma taqbilx in kwantu Christopher Gauci ma kienx il-principal. Mid-dokumenti li d-Direttur Generali pprezenta (fol. 74 u 75) hu car li l-principal kienet Price Club Operators Limited. Principal hi l-persuna li timpjega lin-nies u thallashom salarju.*

*"Hu minnu li b'sentenza li kienet inghatat mill-Prim'Awla14 fil-kawza Dr Andrew Borg Cardona nomine vs Victor Zammit et, il-qorti kienet iddikjarat li t-tlett diretturi (Victor Zammit, Christopher Gauci u Wallace Fino) kienu solidalment responsabbli ghad-dejn15. Pero' dan m'ghandu x'jaqsam xejn ma' talba privileggata. Il-privilegg li kreditur jithallas qabel kredituri ohra jirrizulta mil-ligi. Jekk wiehed kellu joqghod biss fuq dak li jghid l-Artikolu 116(3) tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali, il-privilegg hu moghti fuq l-assi tal-persuna li thaddem. Pieta' Marina Limited issostni li Christopher Gauci ma kienx il-principal, u ghalhek l-Artikolu 116(3) tal-Kap. 318 ma japplikax. Id-Direttur Generali rribatta ghal din l-asserzjoni billi invoka l-Artikolu 123 tal-Att dwar Sigurta*

*Socjali (Kap. 318), li jipprovdi li fost'affarijiet meta xi att ghandu jsir minn korp jew ghaqda ta' persuni, "(1) [….] dak l-att, affarijiet jew haga jkunu wkoll mehtiega li jsiru jew li ma jsirux persunalment mill-manager jew ufficjal principali iehor ta' dak il-korp jew dik l-ghaqda; u d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolamenti maghmula bis-sahha tieghu ghandhom japplika f'dan il-kaz." (enfazi tal-qorti). Fis-subinciz (2) tal-istess provvediment jinghad: "(2) Meta fl-applikazzjnoi tas-subartikolu (1) jkollu jsir xi hlas minn korp jew ghaqda ta' persuni u mill-manager jew ufficjal principali iehor taghha, dak l-obbligu jkun in solidum". Fil-fehma tal-qorti in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 123, l-Artikolu 116(3) tal-Kap. 318 japplika wkoll fil-konfront "manager jew ufficjal principali iehor" tal-kumpannija. M'huwiex kontestat li fis-snin 2000 u 2001 Christopher Gauci kien jokkupa l-kariga ta' direttur ta' Price Club Operators Limited. Ghalhekk b'applikazzjoni tal-Artikolu 123 tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali, Gauci sar solidalment responsabbli ghall-bolla li kellha tithallas mill-kumpannija. Certament din l-obbligazzjoni ma gietx estinta ghas-semplici raguni li fl-2002 il-kumpannija giet xolta u nhatar stralcarju. L-estinzjoni tal-obbligazzjonijiet issir bil-mod li tikkontempla l-ligi (ara Artikolu 1145 tal-Kodici Civili).*

*"Pieta Marina Limited ghamlet sottomissjonijiet fit-tul dwar li l-avviz li nghata mid-Direttur Generali (Taxxi) hu null. Fil-fehma tal-qorti dan m'huwiex il-process fejn ghandha tigi kontestata mater-ja simili, iktar u iktar meta tqies li ma jirrizulta li Christopher Gauci ikkontesta dak li qieghed jippretendi d-Direttur Generali. Qalet ukoll li d-Direttur Generali naqas milli jaghti prova tal-kreditu. Hu minnu li mill-atti ma jirrizultax li qatt xehed xi ufficjal tad-Dipartiment. Madankollu gew prezentati kopja tal-ittra ufficjali, avviz, rendikont (Dok. D a fol. 73) u rendikont iehor bl-ismijiet tal-impjegati (fol. 75) u hadd ma kkontesta tali ammonti. M'ghandux ikun li xi parti, wara li jkun inghalaq l-istadju tal-provi16, tohrog b'dan it-tip ta' argument meta tkun naqset milli taghmel il-posizzjoni taghha qabel li jkun ghalaq l-istadju tal-provi. Dan ap-parti li b'applikazzjoni tal-Artikolu 116(2) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali, l-ittra ufficjali tal-1 ta' Awwissu 2005 (fol. 61)17 hi titolu ezekuttiv gialadarba m'hemmx prova li Gauci kkontestaha fit-terminu li jissemma fl-istess provvediment.*

*"F'dan l-istadju m'hemmx skop li l-qorti titratta l-materja dwar taxxa li qieghed jippretendi d-Direttur Generali, gialadarba s-somma depozitata m'hijiex bizzejjed biex tkopri."*

5. Minn din is-sentenza appellat Pieta' Marina Ltd u d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ressaq appell incidentali.

6. Ir-registratur tal-Qorti fl-istadju tal-Appell kienipprezenta rikors datat 20 ta' Frar 2015 fejn talab li jigi awtorizzat jikkonkorri ma' kull kreditur iehor f'dawn il-proceduri billi huwa kreditur ukoll ta' Christopher Gauci fis-somma ta' €25,792.34 rapprezentanti €25,210 dritt tar-Registru fil-kawza 26/2003 u €582.34 dritt tar-registru fil-kawza 27/2003 [ara fol 891.] Kienet saret oppożizzjoni ghal dina t-talba f'dak l-istadju u l-Qorti cahdet it-talba.

7. **Fir-rikors tal-appell taghha, Pieta' Marina Limited** talbet illi din il-Qorti joghgobha tibdel, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' Ottubru, 2013 fl-ismijiet premessi u dana billi:

> "(i) filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu iddecidiet illi l-ewwel jithallas ir-Registratur Qrati Civili u Tribunali sabiex ikopri l-ispejjez kollha li seta' ghamel fil-bejgh bl-irkant numru: 78/2006 u f' dan il-konkors u in kwantu iddecidiet ukoll li twarrab bhala ghal kollox infondata il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u ordnatlu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tieghu;
>
> "(ii) thassarha u tirrevokaha fil-bqija ossia in kwantu iddecidiet illi t-tieni jithallas id-Direttur Generali (Taxxi) ghall-bilanc kollu li jibqa' u minflok filwaqt illi twarrab bhala ghal kollox infondata l-pretensjoni tad-Direttur Generali (Taxxi) ghar-ragunijiet spjegati kemm in Prim' Istanza kif ukoll f' dan ir-rikors tal-appell, tiddikjara illi l-kumpannija esponenti tgawdi dritt pozjuri fuq il-flus depozitati taht l-Awtorita` tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili u ghalhekk tawtorizza lill-kumpannija esponenti tizbanka l-bilanc kollu li jibqa' fic-cedola ta' depozitu bin-numru 503/2007 fit-tieni grad wara r-Regitratur Qrati Civili u Tribunali."

8. L-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti:

**L-ewwel aggravju – Gradwazzjoni**

L-appellanti tippretendi f'dan l-aggravju li l-kreditu pretiz mid-Direttur Generali (Taxxi) mhuwiex wiehed privileggat billi ghalkemm l-ewwel Qorti ddecidiet li l-Artikolu 116(3) tal-Kap. 318 ma kienx japplika billi Christopher Gauci ma kienx il-principal imma Price Club Operators Ltd, b'applikazzjoni tal-Artikolu 123 tal-istess Kap, sabet li Gauci kien solidalment responsabbli ghall-bolla li kellha tithallas mill-kumpanija.

Skont l-appellanti l-privilegg moghti bil-ligi [Kap 318] huwa limitat ghall-attiv tal-principal, cioe` Price Club Operators Ltd li kienet thaddem l-impjegati u Christopher Gauci kien biss 'persuna impjegata' ai fini tal-Kap 318. Il-ligi ma tghidx li l-privilegg jolqot l-assi personali tal-manager jew ufficjal principali iehor ta' kumpanija imma tghid biss li jolqot l-attiv tal-principal.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1094 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, manager jew ufficjal principal tal-kumpanija li ghandu obbligu li jhallas in solidum ifisser li d-Direttur tat-Taxxa jista' jdur fuqu biss ghal hlas tad-dejn izda m'hemmx estenzjoni tal-privilegg. L-ewwel Qorti ghalhekk ma ddistingwietx bejn jedd ta' preferenza u obbligu ta' solidarjeta`. Id-Direttur Generali tat-Taxxa lanqas ma rregistra ebda privilegg kontra Christoper Gauci.

Min-naha l-ohra l-appellat Direttur Generali (Taxxi) [u fl-istess sens wiegeb id-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud] jghid li fis-sena 2000-2001 Christopher Gauci kien direttur ta' Price Club Operators Ltd ghalhekk bl-applikazzjoni tal-Artikolu 123 tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta, hu kien solidalment responsabbili ghall-bolla li kellha tithallas mill-kumpanija u din ir-responsabilita` ma gietx estinta meta gie appuntat l-istralcjarju. Hu baqa' responsabbli ghall-hlas ta' meta huwa kien Direttur. Infatti kien hu stess bhala Direttur li kien appella quddiem il-Bord tal-Appell (VAT) ghal-kumpanija Price Club.

Dwar l-allegat nuqqas ta' registrazzjoni tal-privilegg, id-Direttur wiegeb li l-Artikolu 116(3) tal-Kap. 318 ma jitlobx li jkun hemm iskrizzjoni ta' privilegg. Lanqas ma hemm bzonn ta' privilegg iskritt fuq flus depozitati l-Qorti derivanti minn bejgh in subasta. Il-kliem *minkejja d-dispozizizzjonijiet ta' kull ligi ohra u (t-talba) ghandha tithallas bi preferenza fuq it-talbiet l-ohra kollha (minbarra l-pagi) sew jekk privileggjati jew ipotekarji,* jiddispensa minn tali skrizzjoni.

**Tikkonsidra**

9. Id-Direttur Generali (Taxxi) ippretenda (i) Lm80,296 (€187,039) bhala taxxa - in kwantu ghal Lm20,625 ghas-sena 2000, Lm58,716 ghas-

sena 2001 u Lm955 ghas-sena 2002. (ii) Lm165,899 (€386,440) bhala tnaqqis li kellu jsir minn pagi u salarji tal-impjegati tal-kumpanija skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurta` Socjali (bolla) – in kwantu ghal Lm40,000 ghas-sena 2000, Lm124,274 ghas-sena 2001 u Lm1625 ghas-sena 2002.

10. Fl-1 ta' Awwissu 2005 Christopher Gauci kien gie notifikat b'ittra ufficjali (fol. 61) fejn gie nterpellat ihallas dawn l-ammonti. Fl-avviz anness datat 7 ta' Lulju 2005 (fol. 62) kien hemm id-dettalji tal-hlas pretiz. [Fil-kaz tad-Direttur tal-VAT - Il-kreditu tieghu ma kienx gie rez eżegwibbli billi ma kienx innotifika lil Christopher Gauci].

11. Ma jirrizultax mill-provi li fil-kaz tad-Direttur Generali (Taxxi) Christopher Gauci kkontesta t-talba ghall-hlas pretiz [ara Artikoli 23(7) tal-Kap 372 u art.116 Kap 318].

12. Hu minnu li f'dak iz-zmien li gie notifikat, il-kumpanija kienet giet xolta, pero` l-hlas li kien qed jippretendi d-Direttur Generali (Taxxi) jirreferi ghall-perjodu meta Gauci kien ghadu direttur cioe`, snin 2000-2002 meta l-flus dovuti suppost kienu ngabru u mghoddija lid-Dipartiment. Id-diretturi tal-kumpanija kienu responsabbli ghall-hlas tad-djun taghha u baqghu hekk responsabbli ghall-hlas ghaz-zmien li fih huma kienu diretturi. Il-fatt li l-kumpanija marret fi stralc ma jbiddel xejn mill-obbligi

personali tad-diretturi ghall-perjodu meta huma dovuti l-ammonti reklamati. Il-Qorti ghalhekk ma taqbilx mal-aggravju tal-appellanti li Gauci ma kienx direttur meta nhareg l-avviz kontra tieghu.

13. Illi l-Artikolu 116(3) tal-Kap. 318 jipprovdi:

> "Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, it-talba tad-Direttur għal xi ammont dovut bħala kontribuzzjoni tal-Ewwel Klassi jew tat-Tieni Klassi taħt dan l-artikolu tikkostitwixxi talba privileġġata, fil-każ ta' kontribuzzjoni tal-Ewwel Klassi, fl-istess grad bħall-pagi ta' mpjegati fuq l-attiv tal-prinċipal u, fil-każ ta' kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi, fuq l-assi tal-persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha konċernata u għandha titħallas bi preferenza fuq it-talbiet l-oħra kollha (minbarra l-pagi) sew jekk privileġġati jew ipotekarji."

14. Illi huwa minnu illi skont dana l-artikolu l-privilegg hu moghti fuq l-assi tal-persuna li thaddem, f'dan il-kaz Price Club Operators Ltd u mhux Christopher Gauci izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 123 tal-Kap. 318 Gauci gie solidalment responsabbili ghall-pagament li kellha thallas il-kumpanija.

15. L-Artikolu 123 Kap. 318 jiddisponi li:

> "(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, meta xi att, affarijiet jew ħaġa oħra li huma meħtieġa li jsiru jew li m'għandhomx isiru skont jew taħt dan l-Att għandhom isiru jew m'għandhomx isiru minn korp jew għaqda oħra ta' persuni, dak l-att, affarijiet jew ħaġa jkunu wkoll meħtieġa li jsiru jew li ma jsirux personalment mill-manager jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' dak il-korp jew dik l-għaqda; u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu għandhom japplikaw f'dan is-sens.

> "(2) Meta fl-applikazzjoni tas-subartikolu (1) jkollu jsir xi ħlas minn korp jew għaqda ta' persuni u mill-manager jew uffiċjal prinċipali ieħor tagħha, dak l-obbligu jkun in solidum."

16. Din id-dispożizzjoni titkellem dwar responsabbilita` ta' manager u ta' ufficjal principali iehor ta' kumpanija jew korp ta' persuni u Christopher Gauci kien ufficjali principali *qua* direttur u mhux semplicement bhala impjegat. Dan l-artikolu jestendi t-talba privileggjata msemmija fl-Artikolu 116(3) ghall-assi personali tad-debitur.

17. Dan l-artikolu japplika ghal Christpher Gauci bhala direttur tas-socjeta` Price Club billi huwa konsidrat bhala ufficjal tal-kumpanija u jiskatta l-privilegg imsemmi fl-Artikolu 116(3) tal-Kap 318 ukoll fuq l-assi personali tieghu in vista tas-sentenzi ta' dawn il-Qrati li sabuh responsabbili ta' *fraudulent trading* u din ir-responsabbilita` hija in solidum.

18. Dwar is-sottomissjoni tal-appellanti li d-Direttur Generali (Taxxi) ma rregistra l-ebda privilegg kontra Christoper Gauci, il-Qorti tirrileva li l-Artikolu 116(3) tal-Kap. 318 ma jitlobx li jkun hemm iskrizzjoni ta' privilegg.

19. Ghalkemm il-privileggi specjali fuq l-immobbli m'ghandhomx effett "jekk ma jigux imnizzlin fir-Registru Pubbliku" (Artikolu 2029) registrazzjoni ta' privilegg specjali semplicement "fuq l-attiv li jaghmel

sehem mill-attivita` ekonomika" tad-debitur ma tistax titqies valida ghax il-privilegg irid jolqot proprjeta` immobbli partikolari, bl-indikazzjoni tal-immobbli.

20. Il-ligi tghid li t-taxxa msemmija [u mhux il-privilegg] ghandha tithallas bi preferenza, u l-kreditur irid jissodisfa ruhu mill-assi li jkollu d-debitur, anke jekk dawk l-assi jkunu milquta b'xi privilegg jew ipoteki.

21. Dana l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

22. **Fit-tieni aggravju** l-appellanti tissottometti li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rriteniet illi l-esponenti ma setghetx tikkontesta l-pretensjoni tad-Direttur Generali (Taxxi). Hi riedet tikkontesta l-ittra ufficjali mibghuta fl-1 ta' Awwissu 2005 lil Christopher Gauci billi kienet invalida bhala titolu ezekuttiv. L-ewwel Qorti sostniet li dan ma kienx il-process fejn kellha tigi kontestata materja simili, u anke kieku d-debitur ma kienx ikkontesta t-talba tad-Direttur qabel. L-appellanti ssostni li skont l-Artikolu 420(2) tal-Kap. 12 hija kellha d-dritt li tikkontesta t-talbiet tal-konkorrenti l-ohra. Meta l-ittra ufficjali ntbaghtet lid-debitur, Christopher Gauci fit-2005 hu kien ilu snin li tnehha mill-kariga ta' Direttur.

23. Illi kif gja rajna ghalkemm meta jigi appuntat stralcjarju s-setghat ta' direttur jieqfu izda dana ma jfissirx li r-responsabbilitajiet tieghu meta

kien direttur jispiccaw. Christopher Gauci kien gie notifikat bl-avviz ghall-hlasijiet li kellhom isiru meta huwa kien Direttur u li kien naqas li jhallas. F’dak l-istadju huwa ma kienx ikkontesta t-talba tad-Direttur [ara Artikolu 23(7) tal-Kap. 372; art.116 Kap 318] u l-kreditu tad-Direttur gie rez eżegwibbli kontra Christopher Gauci anke personalment [Artikolu 40(b) tal-Kap 372]. Ghalhekk kellha ragun l-ewwel Qorti tghid li l-proceduri ta’ konkors ma kienx il-lok fejn kellha ssir il-kontestazzjoni ta’ ittra ufficjali li kienet gja reza eżekuttiva.

24. Dan l-aggravju qed jigi michud.

25. **Fit-tielet aggravju** l-appellanti ssostni li l-ewwel Qorti zbaljat meta ddecidiet illi s-surroga moghtija mill-kumpanija bankarja HSBC Bank Malta p.l.c. lill-appellanti setghet tapplika biss b’referenza ghall-pagament ta’ €92,010.25 u dana billi ghalkemm hu minnu li hi hallset dik is-somma, il-pagament sar *with subrogation of rights and as final payment of the global sum of LM363,000.*

26. Illi jirrizulta li fis-26 ta’ Novembru 2007 meta sar il-kuntratt bejn Pieta’ Marina Limited u HSBC Bank, din hallset lill-bank is-somma €92,010.25, u giet surrogata fid-drittijiet tal-bank ghal dak li jikkoncerna, fost’ohrajn, l-ipoteka generali u ipoteka specjali li nghatat minn Christopher Gauci bl-iskrizzjoni 8108/1998.

27. Mill-provi akkwiziti jirrizulta li Pieta' Marina Ltd ghamlet pagamenti ghall-krediti ta' diretturi ohra barra ta' Christopher Gauci [ara xhieda ta' Dr. Adrian Borg ] imma fil-konfront ta' Christopher Gauci, il-pagament li ghamlet kien biss ta' **€92,010.25** ghalhekk fil-konkors tieghu hija tista' tigi surrogata biss ghall-pagament li ghamlet biex helset lil Christopher Gauci u mhux lil haddiehor. Min ihallas jidhol fil-jeddijiet tal-kreditur, jew bis-sahha ta' konvenzjoni jew b'dispożizzjoni tal-ligi (Artikolu 1164).

28. Dan l-aggravju qed jigi michud ukoll

**Appell incidentali tad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

29. Id-Direttur Generali [VAT] talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, tirriforma u tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet illi ma kienx hemm skop illi tittratta l-materja dwar it-taxxa tal-Vat li hu kien qieghed jippretendi billi tordna:

[a] illi l-esponenti jitqieghed wara d-Direttur Generali (Taxxi) fil-gradwazzjoni, u

[b] illi l-esponenti ma jhallasx l-ispejjez inkorsi minnu izda li dawn ikunu a karigu tas-socjeta` Pieta Marina Limited.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza in prim'istanza u ta' dan l-appell jigu sapportati mis-socjeta` appellanti Pieta' Marina Limited.

30. Id-Direttur Generali [VAT] spjega l-aggravju tieghu billi qal li l-ewwel Qorti ma dahhlitux fil-gradwatorja wara d-Direttur Generali tat-Taxxi. Huwa minnu li l-esponent ma skriviex fuq l-immobbli l-privilegg specjali fir-Registru Pubbliku izda l-flus mill-bejgh bl-irkant ghalkemm ma jaghmlux sehem mill-attivita ekonomika ta' Gauci, xorta wahda l-esponent igawdi privilegg specjali bis-sahha tal-Artikolu 62 abbinat mal-Artikolu 66(1) u (5) tal-Kap 406 in vista tar-responsabbilita` solidali li direttur ghandu fir-rigward ta' dejn ta' taxxa [VAT] tal-kumpanija minnu rapprezentata.

31. Pieta' Marina Ltd wiegbet ghall-appell incidentali tad-Direttur Generali VAT u talbet li dina l-Qorti tichad l-appell incidentatli bl-ispejjez kontra l-appellant.

32. Id-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud), kien ikkonkorra permezz ta' rikors prezentat fl-1 ta' April 2008 (fol. 35) ghas-somma €759,734.45. Hu sostna li l-kreditu tieghu kien gie rez ezegwibbli b'ittra ufficjali tat-13 ta' April 2005 (fol. 37), li permezz taghha Christopher Gauci gie msejjah ihallas dik is-somma.

33. Illi jirrizulta mis-sentenza ta' dina l-Qorti tal-20 ta' Lulju 2020 Rikors numru 826/05 fl-ismijiet **Christopher Gauci v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud,** li darba jirrizulta li l-ittra ufficjali ma kinitx giet notifikata lil Christopher Gauci dina ma tiswiex fil-konfront tieghu bil-konsegwenza li ma jezisti ebda titolu ezekuttiv fil-konfront tieghu.

34. Inoltre skont l-ewwel Qorti, id-Direttur Generali ma jidhirx li jgawdi l-privilegg li jippretendi li ghandu ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kap. 406. billi l-fond li kien inbiegh ma kienx jifforma *"sehem mill-attivita' ekonomika"* kif definit fl-Artikolu 5 tal-istess Att.

35. Ghalhekk dina l-Qorti tiddeciedi li billi l-kreditu tad-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) ma giex rez ezegwibbli bl-ittra ufficjali, huwa ma setax jikkonkorri.

36. Ghaldaqstant l-appell incidentali qed jigi michud

**Decide**

37. Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza appellata u tichad l-appell ta' Pieta' Marina Limited bl-ispejjez kontra

taghha u tichad l-appell incidentali tad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bl-ispejjez kontra tieghu.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm